**IR-RETORIKA**

Ir-retorika Lhudija li nsibu fil-Kotba Mqaddsa la tista' tissejjaħ proża lanqas poeżija; għandha mit-tnejn; il-profeta, li kien qabel kollox predikatur, kien ifittex li jqanqal il-qalb u jdawwal il-moħħ u kien jinqeda bl-għodda kollha letterarja li jagħtuh il-proża u l-poeżija. Qalb il-profeta kienet tikbes bl-ispirazzjoni u din kienet tqalleb u tqabbad kull fejn tmiss. Il-Profeta Ġeremija jikteb: Jiena għidt: ma rridx naħseb fih (f'Alla) iżjed u ma nitkellimx aktar f'ismu; imma sar bħal nar jaħraq f'qalbi, magħluq ġo għadmi; għajejt inżommu, ma nifx għalih (Jer. 20, 9). Dan il-bniedem t'Alla ma kien jibża' minn xejn u minn ħadd; kien jitkellem b'kelma ħajja; jifli n-nuqqas tal-poplu u jitkellem b'kelma qawwija biex iwiddibhom u jwegħdhom kastig jew premju. Il-Profeta Isaja jxandar:

Kelmet il-Mulej, ja Ħakkiema ta' Sodom
Agħtu widen għat-tagħlim t'Alla, ja poplu ta' Gomorra
.........................
Meta tiġu biex tidhru quddiemi
min talbhom dan minn għandkom, li tirfsu
fil-btieħi tiegħi
.........................
X'ħin tmiddu idejkom inwarrab għajnejja minnkom
U jekk tkattru t-talb ma nismagħx.
Idejkom mimlijin bid-demm (Is. 1, 1ss).

Il-profeta kien ifittex li jqajjem min-ngħas tar-ruħ li fih kien igħix il-poplu u l-mexxejja tiegħu. Għalhekk niltaqgħu ma' sensiliet ta' kwadri wieħed wara l-ieħor li jaħsdu s-smiegħ, iqanqlu fih il-għatx għat-tagħlim u għall-indiema biex ikun jista' jistgħall mill-ġenna ta' ħlas il-Mulej:

Iva minn Sijon joħroġ it-tagħlim
Hu jaqta' l-ħaqq bejn il-ġnus
U jkun imħallef għal ħafna popli
U jterrqu sjufkom f'sikek,
U l-lanez tagħhom fi mnieġel;
Ma jerfagħx ġens għal ġens is-sejf,
U ma jitħarrġux iżjed għat-taqbid
Dar Ġakobb ejjew
Ħa nimxu f'dawl il-Mulej. (Is. 2, 3ss).



Ir-retorika Maltija wkoll għandha x'titgħallem mill-Kotba Mqaddsa: għandha x'tieħu s-sinċerità ta' l-ispirazzjoni; il-qawwa tal-kelma; l-ilwien ta' l-immaġinativa; il-qlubija sħiħa quddiem it-tiġrib.

**GHELUQ**

Ma jidhirlix li għandi ngħabbi s-sabar tagħkom iżjed milli jmissni; kont xtaqt nitkellem fit-tul fuq il-materjal li l-Kotba Mqaddsa għandhom maħżun li l-Kittieb Malti bħal kittieba oħra ta' ilsna oħra ħaddmu u għaġnu biex ifissru ħsibijiethom. Ma ninsewx li l-Bibbja hi wieħed mis-sisien taċ-ċiviltà tagħna, ċiviltà li kif tafu intom il-lum qiegħda tħoss tibdil minn għeruqha u l-kittieb Malti għandu responsabbiltà kbira f'dan it-taqlib; minnu jiddependi ħafna. J'Alla jagħraf jaqdi dmiru sewwa u jsawwar letteratura tabilħaqq safja minn kull qerq li jwassal għall-ħażen. Biex il-Bibbja tieħu postha fil-letteratura Maltija jeħtieġ li l-Kittieba jarawha iktar u iktar u li nibdew naraw fl-antoloġiji għall-iskejjel siltiet mill-Bibbja biex iż-żgħar jidraw il-kelma tagħha (1). Hawn tabilħaqq hawn biċċa xogħol għall-Għaqda tagħna.

---

(1) Minn daqshekk ta' min jifraħ jara siltiet mill-Bibbja fil-*Ġabra ta' Proża għat-Tfal* ta' R. Vella Tomlin.

---

## ILSNA

*Ta'* C. CASSAR

Daqs kemm hi sbejħa l-kelma f'fomm il-bniedem
Li biha jsawwar kull ma hemm fil-ħsieb,
Daqshekk issir moqżieża, issir kerha
Meta toħroġ mill-fomm ta' xi giddieb.